

Brussell, 6 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

15702/24

CFSP/PESC 1610
CSDP/PSDC 798
EUMC 530
COAFR 405
EUTM SOMALIA 18
EUCAP SOMALIA 20
PSC DEC 66

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)(EUCAP Somalia/2/2024)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/...

ta' ...

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/2/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

¹ ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/389/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħ u d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fis-26 ta' Marzu 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1017², li taħtar lis-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Mejju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (3) Fil-5 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/...^{3*}, li testendi l-mandat tal-EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2025 sat-28 ta' Frar 2027.
- (4) Fit-28 ta' Ottubru 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li jestendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1017 tas-26 ta' Marzu 2024 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2024) (ĠU L, 2024/1017, 2.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1017/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU ..., ELI ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 15116/24, u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaçità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa estiż mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diçembru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
